Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2330

Kaz Numru 3008/MF

Fil-kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Anthony Mansueto

U

Multigas Ltd

Dwar allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Illum 1 ta' Dicembru 2014

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal datat 12 ta' April 2012 fejn ir-rikorrenti talab li t-terminazzjoni mill-impjieg tieghu kienet wahda ingusta. L-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u talab li jaghti dak ir-rimedju li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

Il-socjeta Multigas Ltd rrispondiet fejn tghid li l-appellant kien imwissi diversi drabi sabiex igib ruhu tajjeb fuq ix-xoghol u dan sar kemm bil-miktub kif ukoll fil-fomm u xorta baqa bl-attitufini negattiva bil-konsegwenza li ma kellhomx ghazla hlief li jigi terminat ix-xoghol tieghu . Is-socjeta appellata kienet assistita mill-Avukat Dr. Matthew Brincat.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Michael Mifsud li huwa c-CEO tal-kumpanija appellata. Xehed li Anthony Mansueto kien jahdem bhala cylinder delivery driver u kien full time delivery driver. F'xogholu kien burdati daqqa tajjeb u daqqa jittraskura. Indika incident fis-sena 2009 bejnu u spizjara gewwa l-isptar fejn inghata warning. Kien hem warning iehor fis-sena 2010 li giet irtirata. Kien hemm incident iehor fejn wissa personalment lill-appellant dwar attitudini tieghu fuq il-post tax-xoghol. Rega inqala incident mal-isptar Mater Dei simili bhal incident tas-sena 2009 u ic-Ceo kien ghamel invistigazzjoni dettaljata fejn irrizulta li Anthony Mansueto gab ruhu hazin hafna mal-impjegati ta' Mater Dei kif ukoll mal-Capua hospital.

Xehed Bernard Ferrante li huwa l-commercial manager tal-kumpanija Multigas fejn spjega li sar jaf li kien qed ikun hemm problemi bid-delivery gewwa Mater Dei li huwa klijent importanti. Spjega li wara li tkellmu ma ufficjali ta' Mater Dei il-problema inqalat ghax Anthony Mansueto ma kienx ikun irid jwassal ic-cilindri sa gewwa net u kien ikun vulgari hafna.

Xehed Jason Deguara li huwa s-segretarju tal-GWU fit-taqsima Kimika u Energija. Qal li cempel lis-Sur Mifsud fejn gie infurmat illi Anthony Mansueto qieghed jaqla hafna problem u kienu ser ikeccuh. Ix-xhud spjega li messu kienet addottaa il-grevience procedure qabel ma tkecca.

Xehed Patrick Vidal li huwa senior Technical Officer gewwa Mater Dei fejn xehed li Anthony Mansueta gab il-cilindi mimlijien u halliehom fil-plant room u ma dahhalhom gewwa waqt li ha l-vojta u dan skond ordnijiet li kellu. Qal li Anthony Mansueto ma kien kellimhom b'mod pastaz. Ghamel rapport lill-management tieghu.

Xehed Brian Cardona li huwa ukoll Technical officer mal-isptar Mater Dei fejn spjega li skond Anthony Mansueta kellu ihalli c-cilindri wara l-bieb biss u l-kliem kien normali.

Xehed Dr. Deo Debattista tabib tal-appellant fejn xehed li l-appellant kien anzjuz hafna u kellu l-pressjoni gholja minhabab t-tkeccija minn fuq ix-xoghol u kien tah xi tip ta' kalmanti.

Xehed Bernard Micallef li huwa impjegat ma Multigas fejn xehed li huwa wkoll shop steward tal-fabbrika. Spjega li l-grevious procedure ma gietx osservata u ittiehdet decizzjoni malajr minghajr konsultazzjoni.

Xehed Joseph Friggieri li huwa impjegat ma Multigas u huwa l-assistant Shop Stewart fejn xehed illi kien hemm laqgha fejn sar jaf bil-kas u wara kien hemm laqgha ohra fejn gie spjegat li kien ser isir it-tkeccija. Xehed li ma inghatx karti fuq l-akkuza u l-appellant ma kellux cans jiddefendi ruhu.

It-Tribunal assista ghal konfront bejn Patrick Vidal, Brian Cardona, Bernard Ferrante u John Catania .

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li din il-kawza tistrieh fuq l-interpretazzjoni tal-ftehiem kollettiv u jekk gew osservati l-proceduri.

It-Tribunal qieghed jinterpreta il-ftehiem kollettiv fis-sens li huwa kuntratt maqbul bejn zewg partijiet u sabiex jigi ekwilibrat ir-rwol bejn il-management u l-unions jigi miftiehem dan il-ftehiem kollettiv sabiex jirregola diversi aspetti tal-hajja ta' kuljum. Fost dawn l-aspetti hemm ftehiem specifiku fl-artiklu 30. Fl-opinjoni tat-Tribunal dan l-artiklu ma japplikax f'kaz ta' tkeccija ta' haddiem. L-artiklu tletin (30) jispecifika il-grevience procedure 'to establish the means for the prompt disposal and amicable settlement of all complaints arising out of the application or interpretation of terms of the agreement.'

F'dan il-kaz it-tribunal jikkonkludi li ma kienx hemm "dispute" ghax il-kaz kien gja deciz.

Ghar-rigward il-mertu tal-Kaz il-Tribunal huwa konvint li Anthony Manueto inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma u jbiddel l-

attitudini tieghu. Impjegat huwa responsabbli ghall-azzjoni tieghu. It-Tribunal jaghmel nota ghall fatt li l-appellant qal li kien cempel lill-Multigas u gie infurmat sabiex ic-cilindnri ihalliehioem fejn kienu. Din il-prova ma ingabitx kif ukoll it-Tribunal jishaqq fuq l-apsett tal-igann li l-appellant ipprova jaghmel. Zgur li l-principal ma tax xi orndi sabiex ihalliehom hemm. Hu kien jaf li gja kellu disgwiet fuq l-istess lant tax-xoghol u ghandu jkun jaf li huwa jirraprezanta l-principal tieghu u ghalhekk ghandu jgib ruhhu tajjeb b'sens ta' customer service tajjeb ghall-ahjar interess tal-kumpanija u mhux ifittex li jahrab minn xogholu.

It-Tribunal ihoss illi l-kumpanija Multigas Ltd mexa tajjeb fil-konfront tal-appellant u t-talba tieghu mhiex gustifikata.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-l-kumpnaija Multigas Ltd mexa sew fil-konfromt ta' Anthony Mansueto.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjes kontra Antony Mansueto.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Spiteri

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju